MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**LINO FARRUGIA SACCO**

Seduta tas-17 ta' Ottubru, 2005

Citazzjoni Numru. 782/2004

Joseph Ellul Sullivan ghan-nom u in rappresentanza tad-Ditta Sullivan Shipping Agency Limited
vs
Tancred Tabone ghan-nom u in rappresentanza tal-Korporazzjoni Enemalta

Il-Qorti,

**A. CITAZZJONI:**
Rat ic-citazzjoni ta’ l-attur nomine li biha ppremetta:

Peress illi minhabba li l-konvenut fi Frar 1983 kien ta “short notice” lill-kuntrattur tieghu, id-ditta estera “Gasnav/Serarma” biex din tforni lilu bi “Spot Vessel” biex jghabbi l-prodotti tieghu LPG, izda dan kien naqas li jaghmel hekk;

Peress illi minhabba li l-konvenut kellu bzonn b’urgenza kbira “Spot Vessel” u fuq inkarigu tieghu stess, l-attur nomine kien ipprovda l-istess u dan billi ngaggja bhala

"Charterers" il-vapur "Nicole", proprjeta` tad-ditta estera 'Gasocen of Paris';

Peress illi fil-qadi tal-inkarigu tieghu l-'Spot Vessel' "Nicole" kien ghamel il-vjagg minnu mitlub, izda kien inkorra "Demurrage" ghal perjodu ta' bejn is-26 u s-27 ta' Frar 1983;

Peress illi l-ammont ta' "demurrage" soffert mid-ditta attrici kien jammonta ghas-somma ta' disat elef, hames mija u hamsa u erbghin Liri Maltin u sitta u tletin centezmu u sitt millezmi (Lm9,545.36,6) u dan skond "Bank Transfers" mmarkati Dok. "A";

Peress illi l-konvenut nomine kien interpellat biex ihallas izda kien baqa' inadempjenti;

L-attur nomine talab lill-Qorti biex:

1. Tiddikjara li l-konvenut jinsab inadempjenti versu l-attur fis-somma ta' disat elef hames mija u hamsa u erbghin Liri Maltin u sitta u tletin centezmu u sitt millezmi (Lm9,545.36,6) u;

2. Tordna li l-konvenut nomine jhallas is-somma fuq imsemmija lill-attur.

Bl-ispejjez, inkluz dawk tal-protest u l-imghaxijiet legali.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti, il-lista tax-xhieda, u d-dokumenti prezentati mill-attur nomine.

**B. ECCEZZJONIJIET:**

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-Korporazzjoni Enemalta li eccepiet:

1. Illi preliminarjament it-talbiet attrici kienu preskritti ai termini ta' l-artikolu 544(a) tal-Kodici Kummercjali u ta' l-Artikolu 2156 (f) tal-Kodici Civili;

2. Illi preliminarjament Joseph Ellul Sullivan ghan-nom u in rappresentanza tad-ditta 'Sullivan Shipping

Agency Limited’ ma kellhiex interess guridiku li tistitwixxi dawn il-proceduri billi ma tezistiex relazzjoni diretta ma’ l-attur;

3. Illi sussidjarjament u minghajr pregudizzju ghas-suespost l-ammonti pretizi ma kienux assolutament dovuti stante li l-Korporazzjoni kienet gja hallset dak kollu dovut lis-socjeta` Serarma S.R.L., li taghha l-atturi kienu l-agenti lokali;

4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri;
Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti, il-lista tax-xhieda u d-dokumenti prezentati mis-socjeta` konvenuta.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**C. PROVI:**
Rat id-dikjarazzjoni tal-attur nomine.

Rat id-dikjarazzjoni tal-Korporazzjoni konvenuta.

Rat l-ordni tal-Qorti ghall-allegazzjoni tal-process 929/87.

Illi d-decizjoni odjerna tirrigwarda l-ewwel eccezzjoni moghtija mill-Korporazzjoni konvenuta relativa ghall-preskrizzjoni.

**D. KUNSIDERAZZJONIJIET:**
Illi din hija kawza ghall-hlas ghas-somma ta’ disat elef, hames mija u hamsa u erbghin Liri Maltin, u sitta u tletin centezmi u sitt millezmi (LM9,545.366), bhala l-ammont ta’ “demurrage” soffert mid-ditta attrici, li taghhom il-kumpanija attrici baqghet ma thallsitx.

Illi ghal din l-azzjoni, l-konvenut eccepixxa billi qal illi l-azzjoni attrici waqghet ghax ghadda z-zmien li fih messha saret; u ghalhekk hija preskritta ai termini ta’ l-artikolu

544(a) tal-Kodici Kummercjali u ta' l-artikolu 2156(f) tal-Kodici Civili. L-artikolu 2156(f) tal-Kodici Civili jiddisponi:
"L-azzjonijiet hawn taht imsemmija jaqghu bi preskrizzjoni bl-eghluq ta' hames snin:
(f) l-azzjonijiet ghall-hlas ta' kull kreditu iehor li gej minn operazzjonijiet kummercjali jew minn hwejjeg ohra, meta l-kreditu ma jkunx jaqa', skond din il-ligi jew ligijiet ohra taht preskrizzjoni aqsar, jew ma jkunx jirrizulta minn att pubbliku."

Il-preskrizzjonijiet qosra huma kollha eccezzjonijiet ghar-regola generali tal-preskrizzjoni li nsibu fl-artikolu 2143 tal-Kodici Civili. Ghalhekk, bhal kull eccezzjoni ohra, il-preskrizzjonijiet qosra ghandhom jinghataw interpretazzjoni restrittiva. (Ara kawza fl-ismijiet **Ralph Naudi, Francis Micallef u William Mock vs Maltacom p.l.c.** PA 9-Nov-2001, u **Alf. Mizzi & Sons (Marketing) Ltd vs Dismar Co. Ltd.** PA 12-Ott-2004, u **Baudry-Lacantinerie et Tissier** fit-trattato Teorico Pratico di Diritto Civile Vol XXVIII, "Della Prescrizione" Par. 712).

Fil-kawza, **Giovanni Saliba et vs Angelo Grech** deciza mill-Qorti tal-Appell fis-7 ta' Frar 1949, inghad li: fejn fl-artikolu 2156(f) jinghad " ghall-hlas ta' kull kreditu iehor……" dik il-kelma "iehor" turi bic-car illi l-legislatur qieghed jikkommetti din id-dispozizzjoni mas-sezzjonijiet precedenti, fejn huma ndikati krediti specifici u ghalhekk dak il-kreditu ghandu jkun ***eiusdem generis*** skond ir-regola komunament accettata fil-gurisprudenza. U f'din il-kawza saret referenza wkoll ghal **Spiteri vs Petrococchino et** deciza mill-Qorti tal-Kummerc fid-9 ta' Jannar 1919.

Huwa ghalhekk principju stabbilit fil-gurisprudenza li l-preskrizzjoni taht l-artikolu 2156(f) hija soggetta ghal interpretazzjoni ***eiusdem generis***. Ghaldaqstant, il-kelma "kreditu" minhabba fir-restrizzjoni tar-regola ta' interpretazzjoni ta' ***eiusdem generis***, tigbor fiha biss jeddijiet li huma ta' l-istess natura bhal jeddijiet l-ohra msemmija fl-artikolu 2156. F'dan il-kuntest, ta' min ighid li l-ebda wiehed mill-krediti msemmija fl-artikolu 2156 ma huwa kreditu ta' obbligazione di fare, imma huma kollha

obbligazzjonijiet ghall-hlas ta' flus. Dan igib mieghu l-effett li l-obligazzjoni li kontra taghha titressaq eccezzjoni bhal din trid tkun wahda ghall-hlas ta' flus.

Fil-fatt, fil-kawza **Giovanni Mifsud vs Giuseppe Pullicino** deciza mill-Prim' Awla Qorti Civili fid-19 ta' Ottubru 1954, inghad li:
"….jidher illi l-krediti msemmija fid-dispozizzjoni tal-ligi 'l fuq indikata jirrigwardaw bhala regola dawk li jkollhom bhala oggett flus; jigifieri dawk tal-prestazzjonijiet accessorji, jirrigwardaw dejjem oggett li jkun flus, u dawk tal-prestazzjonijiet principali jirrigwardaw oggett li jkun jew flus jew haga fungibbli bhal ma huma l-flus."
"Kull kreditu iehor, hemm imsemmi ma ghandux jiftiehem illi jista' jkun kwalunkwe kreditu jkun li jkun, imma dak biss li mhux imsemmi espressament fl-istess dispozizzjoni u li jkollu l-istess natura bhal flus…."

Dan ifisser li din il-preskrizzjoni tapplika ghal zewg ordni ta' krediti: jigifieri l-prestazzjonijiet accessorji jkunu liema jkunu, u whud mill-prestazzjonijiet ewlenin jew principali. Tal-ewwel jirrigwardaw dejjem oggett li jkun flus, filwaqt li tat-tieni jirrigwardaw flus jew haga fungibbli bhalma huma l-flus. (Ara wkoll **Alf. Mizzi & Sons (Marketing) Ltd.** PA 12-Ott-2004).

Fil-kaz in ezami, il-hlas li qed jintalab huwa hlas ta' flus u ta' natura fungibbli. U ghaldaqstant, jaqa' taht il-preskrizzjoni citata hawn fuq. Illi l-ammont ta' "***demurrage***" soffert mid-ditta attrici kien fiz-zmien tas-26 u s-27 ta' Frar 1983 u din il-kawza giet istitwita fl-14 ta' Ottubru 2004, jigifieri l-hames snin skadew.

Issa rrizulta wkoll, mill-atti ta' kaz iehor b'citazzjoni numru 929/87 li l-attur kien diga pprezenta citazzjoni fil-25 ta' Novembru 1987, izda din kienet giet dezerta fit-3 ta' April 2000 mill-atturi stess. F'dan il-kuntest, japplika l-artikolu 2132(1) tal-Kap 16 li ighid hekk:
"Il-ksur tal-preskrizzjoni maghmul b'talba gudizzjarja, jitqies bhallikieku ma sarx, jekk l-attur jirrinunzja ghat-talba, jew jekk il-kawza tibqa' dezerta, jew jekk it-talba tigi michuda."

Stante li l-kawza baqghet dezerta mit-3 ta' April 2000 'il quddiem, l-interruzzjoni ghall-preskrizzjoni ma tistax titqies li saret, permezz ta' l-att gudizzjarju li kien gie pprezentat fil-25 ta' Novembru 1987. il-Korporazzjoni konvenuta ecceppiet ukoll il-preskrizzjoni taht l-artikolu 544(a) tal-Kodici Kummercjali li jghid:

"L-azzjonijiet li gejjin jaqghu bil-preskrizzjoni kif sejjer jinghad hawn taht:

(a) kull azzjoni ghall-hlas ta' nol, sena wara li jispicca l-vjagg."

Illi fuq din id-dispozizzjoni, din il-Qorti mhix tal-fehma li l-kawza odjerna taqa' taht din il-preskrizzjoni tal-Kodici Kummercjali. Dan peress li l-kaz prezenti huwa ghall-hlas ta' "***demurrage***", filwaqt li dan l-artikolu jitkellem dwar "nol" li bl-Ingliz huwa "***freight***". Fil-kawza **Naudi nomine vs Peresso nomine** deciza fl-20 ta' Gunju, 2002 minn din il-Qorti diversament presjeduta inghad li "***demurrage*** allura ma huwa xejn hlief danni ghad-dewmien, tip ta' danni li huma kontemplati fil-Kodici Civili (artikolu 1130)". Fil-fatt ***demurrage*** hija "***the detention of a ship by the freighter beyond the number of the days – called lay days – allowing for loading or unloading, and the sum fixed by the contract of affreightment as payable to the ship owner for such detention***." Din naturalment tpoggi ***demurrage*** u ***freight*** taht kuncetti differenti ghax "***freight is the reward payable to a carrier by sea for the safe carrage and delivery of goods***." Illi ghalhekk il-Qorti taqbel ma' dak li hemm imnizzel fin-nota ta' sottomissjonijiet ta' l-attur li huwa ormai stabbilit fil-gurisprudenza nostrana li "***demurrage***" u "***freight***" huma differenti.

Ghal dawn ir-ragunijiet, ghalkemm din ic-citazzjoni ma tistax titqies preskritta taht l-artikolu 544(a), hija preskritta taht l-artikolu 2156(f).

**E. KONKLUZJONIJIET:**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tilqa' l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni tal-azzjoni odjerna a bazi tal-artikolu 2156(f) tal-Kodici Civili da parti tal-Korporazzjoni konvenuta.

Spejjez kontra s-socjeta` attrici.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------